TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 464/10

**Marlene Cucciardi**

**vs**

**Crosscraft Services Ltd.**

Illum 13 ta' Jannar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' mitejn ewro (€200), rappreżentanti prezz parzjali ta' *washing machine* stante li ġrala l-ħsara fil-*bearings*.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *washing machine* għal prezz ta' tmien mitt ewro (€800) u kellha sentejn garanzija li ġiet estiża sa ħames snin u li ġrala l-ħsara fil-*bearings*.

Is-soċjeta' intimata ikkonstatat illi skond il-kundizzjoni tal-garanzija '*normal wear and tear*', ma jiġix kopert bil-garanzija.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal, jikkunsidra illi skond kif qalet l-istess rikorrenti, l-problema kienet fil-*bearings* u dan ġara wara li għaddew sentejn u xahrejn, u li dan iqisu bħala '*normal wear and tear*' u li mhux kopert bil-garanzija.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888